Nru. 17,512
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 1 ta' Diċembru, 2003
Monday, 1st December, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2003 NRU. XVII ANNO DOMINI 2003 NO. XVII

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fit-30 ta' Novembru, 2003, il-Prim Ministru hatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 30 ta' Novembru, 2003.

B'Awtorità.

(Iff.) EDDIE FENECH ADAMI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 30th day of November, 2003, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 30th day of November, 2003.

By Authority.

(Sd.) EDDIE FENECH ADAMI
Prime Minister

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 102

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Pietà

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Diċembru 2003, mit-8.30 a.m. sal-11.30 a.m. minn Triq Bordin minn kantuniera ma' Triq l-Isptar sa kantuniera ma' Triq l-Ursolini.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Diċembru, 2003, bejn is-6.00 a.m. sal-11.30 a.m., kull parkeġġ huwa pprojbit fi Triq Bordin, minn kantuniera ma' Triq San Luqa sa kantuniera ma Triq l-Ursulini, u l-parkeġġ ta' faċċata tal-Kappella tas-Sorijiet ta' l-Ursolini.

L-1 ta' Diċembru, 2003

POLICE NOTICE

No. 102

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Pietà

On Sunday, 7th December 2003, from 8.30 a.m. to 11.30 a.m. through Triq Bordin from corner with Triq l-Isptar up to corner with Triq l-Ursolini.

On Sunday, 7th December 2003, between 6.00 a.m. and 11.30 a.m., any parking is prohibited at Triq Bordin, from corner with Triq San Luqa up to corner with Triq l-Ursulini, and the parking infront of the Ursoline Sisters' Chapel.

1st December, 2003

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' ***Activity Teachers*** **fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

L-1 ta' Diċembru, 2003

EDUCATION DIVISION

Result of Interview for the Posts of Activity Teachers in the Education Division

The Director of Education notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board at the Education Division, Education Department, Floriana, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the notice-board of Office of the Assistant Director of Education, Victoria, Gozo.

1st December, 2003

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Post ta' ***Executive Secretary*** **tal-Programm YOUTH ta' l-Unjoni Ewropea**

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi r-riżultati ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* prinċipali fit-Taqsima tal-*Customer Care,* Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana u u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-1 ta' Diċembru, 2003

MINISTRY OF EDUCATION

Result of Interview for the Post of Executive Secretary for EU YOUTH Programme

The Ministry of Education notifies that the result of the interview for the above-mentioned post has been published and can be seen on the main notice-board at the Customer Care Section, Education Division, Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

1st December, 2003

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2003
Jannar	99.12
Frar	99.60
Marzu	100.36
April	100.40
Mejju	100.73
Ġunju	100.88
Lulju	100.54
Awissu	100.47
Settembru	100.82
Ottubru	101.91

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	*Settembru 2003*	*Ottubru 2003*	*Effett fuq l-Indiċi*
Ikel			
Ħut frisk jew iffriżat	84.36	112.77	0.17
Ħaxix	142.10	179.45	0.38
Ħwejjeġ			
Ħwejjeġ ta' l-Irġiel	78.62	95.88	0.25
Ħwejjeġ tan-Nisa	81.51	95.64	0.27
Ħwejjeġ tal-Bniet	84.08	98.06	0.14
Trasport u Komunikazzjoni			
Trasport bl-ajru	111.33	105.33	-0.29

RETAIL PRICE INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2003
January	99.12
February	99.60
March	100.36
April	100.40
May	100.73
June	100.88
July	100.54
August	100.47
September	100.82
October	101.91

Items causing most change:–

Items	*September 2003*	*October 2003*	*Effect on Index*
Food			
Fish, fresh or chilled	84.36	112.77	0.17
Vegetables	142.10	179.45	0.38
Clothing			
Men's outwear	78.62	95.88	0.25
Women's outwear	81.51	95.64	0.27
Girls' outwear	84.08	98.06	0.14
Transport			
Air transport services	111.33	105.33	-0.29

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Assistent Reġistratur (Reġistru ta' l-Artijiet - Għawdex) fid-Dipartiment tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistent Reġistratur (Reġistru ta' l-Artijiet - Għawdex) fid-Dipartiment tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex.

2. Il-post ta' Assistent Reġistratur (Reġistru ta' l-Artijiet - Għawdex) għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jitla' b'żjidiet fis-sena ta' Lm275 sa massimu ta' Lm8,798 (Skala 5).

3. Il-hatra, li tkun bi prova ta' sena, hija *full-time*, u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Dipartiment tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex, b'mod partikolari. Il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4.1 Mingħajr preġudizzju għal dmirijiet oħra anċillari u korollari għal dawk imsemmija hawn taħt, u li jistgħu jkunu meħtieġa minħabba l-proċess ta' amalgamazzjoni bejn l-istess Reġistru u Reġistru Pubbliku, id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Assistent Reġistratur (Reġistru ta' l-Artijiet - Għawdex) jinkludu:-

(a) tħejji u twettaq il-programmi ta' xogħlijiet imwettqa mir-Reġistru ta' l-Artijiet - Għawdex;

(b) tassigura l-provvediment effiċjenti u fil-ħin tas-servizzi mogħtija mir-Reġistru ta' l-Artijiet - Għawdex, kif ukoll l-utilizzazzjoni tar-riżorsi umani tas-sezzjoni;

(ċ) tagħmel superviżjoni ta' l-applikazzjonijiet u r-riċerki uffiċjali sottomessi kif ukoll issolvi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu b'konnessjoni magħhom, kemm internament kif ukoll vis-à-vis il-klijenti tar-Reġistru;

(d) tivverifika li d-direttivi u regolamenti kollha maħruġa mir-Reġistratur ta' l-Artijiet jiġu segwiti strettament;

(e) issegwi l-implimentazzjoni tal-programm ta' kompjuterizzazzjoni, speċjalment f'materji li jirrikjedu interpretazzjoni legali;

(f) li twettaq id-dmirijiet kollha kif imqabbda mid-Direttur tal-*Customer Services* u r-Reġistratur ta' l-Artijiet, inkluż li tirrappreżenta lir-Reġistratur f'kawżi ġudizzjarji.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Assistant Registrar (Land Registry - Gozo) in the Department of Customer Services, Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the post of Assistant Registrar (Land Registry - Gozo) in the Department of Customer Services, Ministry for Gozo.

2. The salary for the post of Assistant Registrar (Land Registry - Gozo) is Lm7,148 per annum, rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm8,798 (Scale 5).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a whole-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Customer Services, Ministry for Gozo in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4.1 Without prejudice to other ancillary or corollary duties related to those listed below, which duties may become necessary in view of the on-going process whereby the Land Registry and the Public Registry are being amalgamated, the duties of Assistant Registry (Land Registry - Gozo) include the following:-

(a) Preparing and executing the programmes of works of the Land Registry - Gozo;

(b) Ascertaining the effective and timely delivery of services provided by the Land Registry - Gozo, as well as the proper utilisation of human resources of the section;

(c) Supervising and approving applications and signing Official Searches filed and settling any difficulties that may arise in connection therewith, both internally and vis-à-vis the Registry's clients;

(d) Verifying that all policy directives and regulations issued by the Land Registrar are strictly adhered to;

(e) Monitoring the implementation of the computerisation programme especially in matters requiring a legal interpretation;

(f) Performing all duties as directed by the Director of Customer Services and the Land Registrar, including representing the Registrar in judicial cases.

4.2 Id-dmirijiet jinkludu wkoll ir-responsabbiltà tat-tmexxija tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex.

4.3 Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li twettaq id-dmirijiet tagħha f'Għawdex fuq bażi *full-time*.

5. L- applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini Maltin;

(b) ikollhom *warrant* ta' Avukat, Nutar Pubbliku jew Prokuratur Legali u prova ta' mhux anqas minn tliet snin prattika fil-professjoni tagħhom minn meta nħareġ il-*warrant;*

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb. (Applikanti li huma impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (G.P.47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta mingħand il-Pulizija maħruġ mhux qabel minn sitt xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern u jagħtu dettalji).

6. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa li joqogħdu għal intervista minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm ikunu adattati għal dan il-post.

8. Il-kandidati magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dawn il-postijiet.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn fuq dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mingħand id-Direttur tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat VCT 102, Għawdex.

10. L-applikazzjonijiet, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tal-*Customer Services,* Pjazza San Franġisk, ir-Rabat VCT 102, Għawdex sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, 9 ta' Jannar, 2004.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji

4.2 The duties also include responsibility for the Management of the Gozo Public Registry.

4.3 The selected applicant will be required to perform his/her duties in Gozo on a full-time basis.

5. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a warrant to practice the profession of Advocate, Notary or Legal Procurator and must have not less than three years proven practice in the profession after obtaining warrant;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service of Leave Record Form (GP 47); those not in the Public section must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview.)

7. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post.

8. The selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Director, Customer Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria VCT 102, Gozo.

10. Applications will be received in the first instance by the Director, Customer Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria VCT 102, Gozo by not later than noon of Friday, 9th January, 2004.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal

kollha meħtieġa. L-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2155 0401).

12. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull appplikazzjoni li titwassal lid-Direttur tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex.

(b) Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-1 ta' Diċembru, 2003

application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number on receiving Department is +356 2155 0401).

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Customer Services, Ministry for Gozo and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Customer Services, Ministry for Gozo within seven (7) days.

1st December, 2003

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 ta' l-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Marsaskala, huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

VELLA DAVID

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Christopher Agius, għal-Lokalità ta' Marsaskala, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, nhar it-Tlieta, it-2 ta' Diċembru, 2003, fis-2.00 p.m. fl-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-1 ta' Diċembru, 2003

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule, for the casual election of a Councillor for the Locality of Marsaskala, is the following, that is:

Nominated Candidate

VELLA DAVID

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Christopher Agius, for the Locality of Marsaskala, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, on Tuesday, 2nd December, 2003 at 2.00 p.m. at the Electoral Office, Evans Building, St Elmo Square, Valletta.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

1st December, 2003

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern

(Sir Sid Darek)

B'riferenza għall-Iskema Sir Sid Darek – Skema għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Diċembru 2001, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel dawn l-emendi:-

(1) Temenda Klawsola 3 Sub-Klawsola (i) (a) biex tkun kif ġej:-

(a) L-applikant ilu l-kerrej konoxxut tal-fond li fuqu qed issir it-talba taħt din l-iskema għal dawn l-aħħar ħames snin konsekuttivi, u

(2) Iżżid din il-Sub-Klawsola fl-aħħar ta' Klawsola 3 (i):-

(e) Applikanti li joqogħdu ġewwa djar ta' l-anzjani ma jistgħux japplikaw sabiex jixtru r-residenza governattiva tagħhom taħt din l-Iskema. Oltre dan, individwi li applikaw sabiex jibdew jgħixu ġewwa djar ta' l-anzjani ma jitħallux japplikaw taħt din l-iskema.

(3) Temenda Klawsola 9 Sub-Klawsola (i) biex taqra kif ġej:-

(i) B'dana kollu ebda appartament ma jinbiegħ b'anqas minn tmient elf lira Maltija (Lm8,000) waqt li ebda dar ma tinbiegħ b'anqas minn ħmistax -il elf lira Maltija (Lm15,000).

(4) Temenda Klawsola 11 Sub-Klawsola (iii) biex tkun kif ġej:-

(iii) Meta t-trasferiment ikun se jsir il-benefiċċarju għandu jinforma lill-Awtorità f'dan mill-anqas xahrejn qabel id-data ta' l-att ta' trasferiment u għandu jirrifondi lill-Awtorità s-segwenti:-

Qabel l-għeluq ta' l-għaxar sena mid-data ta' l-att ta' bejgħ:-

is-somma ekwivalenti għad-differenza bejn il-valur tal-proprjetà vakanti u l-valur tal-proprjetà okkupata. Oltre dan, l-applikant għandu jirrifondu kull sussidju gawdut.

Wara l-għeluq ta' l-għaxar sena mid-data ta' l-att ta' bejgħ:-

is-somma ekwivalenti għal kull sussidju gawdut.

L-Awtorità żżomm id-dritt li timponi kundizzjonijiet oħra u dana fid-diskrezzjoni assoluta tagħha.

L-1 ta' Diċembru, 2003

HOUSING AUTHORITY

Purchase of Government Owned Rented Residential Units

(Right to Buy)

With reference to Right to Buy Scheme – Purchase of Government Owned Rented Residential Units – published in the Government Gazette of the 18th December 2001, the Housing Authority is effecting the following amendments:-

(1) Amend Clause 3 Sub-Clause (i)(a) to read as follows:-

(a) The applicant has been recognized tenant for the last five consecutive years of the premises in respect of which he/she is applying under this Scheme; and

(2) Add the following Sub-Clause at the end of Clause 3 (i):-

(e) Applcants residing in an old people's home cannot apply to purchase their Government owned residential unit under this Scheme. Moreover, people who have applied to reside in an old people's home will be debarred from applying under this scheme.

(3) Amend Sub-Clause (1) of Clause 9 to read as follows:-

(i) Notwithstanding the above table no apartment will be sold at a price less than eight thousand Maltese Liri (Lm8,000) and no terraced house will be sold at a price less than fifteen (Lm15,000) Maltese Liri.

(4) Amend Sub-Clause (iii) of Clause 11 to read as follows:-

(iii) Where the transfer is to take place the beneficiary has to inform the Authority with his intention at least two months before the date of transfer and shall pay the Authority the following:-

Before the lapse of ten years from the date of deed:-

the sum equivalent to the difference between the value of the property as vacant and the value of property as occupied. In addition the applicant is to refund all subsidies enjoyed.

After the lapse of ten years from date of deed:-

the sum equivalent to all subsidies enjoyed.

The Authority shall be entitled to impose any other conditions which, at its absoluted discretion, shall deem fit.

1st December, 2003

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament passed during 2002	Lm12.00
Annual Reports of Government Departments – 2002	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Budget Speech 2003	50c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Document	Lm 3.00c
Customs Tariff	Lm 5.30c
Diplomatic and Consular Representation in Malta – February 2001	50c
Diskors tal-*Budget* 2003	50c
Economic Survey January - September 2002	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2003	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2003	Lm32.56c
Estimates 2003	Lm 2.00c
External Affairs Service List –October 2000	50c
Financial Report 2002	Lm 2.00c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Internal Audit Function within Government Ministries, January 2000	Lm 1.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Public Service Management Code	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2001	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the year 2002	Lm22.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2001	Lm 3.00c
White Paper dwar Att Ġdid dwar l-Armi	Lm 1.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
White Paper on a New Act about Arms	Lm 1.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*